MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2002

Rikors Numru. 24/2002/1

**Verushka Debono**

**Vs**

**Annunziata sive Lonza Borg**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti;

Illi r-rikorrenti tikri lill-intimata il-fond bin-numru tletin (30) Triq il-Mithna Gdida, Mellieha u dan bil-kera ta' disa' Liri Maltin u sittin centezmu (Lm9.60) fis-sena li jithallsu kull sena bil-quddiem;

Illi l-intimata m'ghadiex taghmel uzu mill-fond fuq imsemmija u qieghda tghix x'imkien iehor u ghaldaqstant hija qieghda taghmel uzu mill-fond ghal skop differenti minn dak li ghalih ir-rikorrenti krewlhom il-fond;

Illi a tenur ta’ l-artikolu disa’ (9) sub-artikolu (a) ta’ l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid ta’ Bini (Chp.69) r-rikorrenti ghandha d-dritt li titlob x-xoljiemtn tal-kirja;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord togghbu –

1) tawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-fond bin-numru tletin (30) Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha a tenur ta’ l-artikolu disa’ (9) (a) ta’ l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini (Chp.69);

2) tipprefiggi lill-intimata terminu qasir u perentorju biex tizgombra mill-istess fond;

Bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta ta’ llum dehret ir-rikorrenti assistita mill-avukat taghha.

Ra li l-intiamta la dehret illum u lanqas ipprezentat risposta minkejja li giet debitament notifikata.

Ra l-art 30 tal-Kap 69.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha tirriprendi l-pusess tal-fond 30, Triq il-Mithna l-Gdida, il-Mellieha; ghall-fini ta’ l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ tlett (3) xhur millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------